# 40 ERBGĦIN

mcyn

malta catholic youth network

LIFELONG CATECHESIS

Riżorsi riflettivi tar-Randan għaż-żgħażagħ

# 40 ERBGĦIN

Dan huwa sett ta' riżorsi riflettivi għaż-żgħażagħ tul iż-żmien tar-Randan maħduma mill-uffiċċju tal-Malta Catholic Youth Network b'kollaborazzjoni ma' Lifelong Catechesis. Kif jixhed l-isem, kollox idur man-numru 40 fl-għarfien li r-Randan itul 40 jum. M'għandniex wisq kotba fil-Bibbja li fihom iktar minn 40 Kapitlu; għaldaqstant, ħsibna biex tnejn minn erba' sessjonijiet ikunu meħudin minn Kapitlu 40 t'Iżaija u Salm 40. Kif tistgħu tosservaw, hemm sessjoni oħra mal-4 msemmija. Din hija riflessjoni li għandha tieħu postha fl-ewwel jiem tal-Għid biex turi r-relevanza ta' kif din il-festa tista' tkun ta' fidwa għall-40 jum tar-Randan.

Dawn is-sessjonijiet ġew irrekordjati kollha bil-Malti f'format awdjo-viżiv. Tista' taċċessa dan il-kontenut kollu fuq YouTube, fuq is-sit uffiċjali tagħna [mcyn.org](mcyn.org) jew permezz tal-QR Code t'hawn taħt. Madankollu, ħsibna li nibagħtulkom kopja fiżika f'każ li tkunu tridu temendaw il-kontenut jew il-format skont l-esiġenzi tal-gruppi tagħkom.

Filwaqt li nawgurawlkom żminijiet qaddisa u nwegħdukom talbna, nitolbukom tħossukom liberi li tagħmlu kuntatt magħna fuq [youths@maltadiocese.org](mailto:youths@maltadiocese.org)

# PROVA

Fil-Bibbja, in-numru 40 huwa msemmi aktar minn 140 darba. Tipikament, 40 jirrappreżenta perjodu fit-tul li fih il-fidi ta' persuna titqiegħed fi prova. Barra minn hekk, huwa żmien ta' laqgħa u tiġdid spiritwali. Il-fidi li ma tiġġarrabx hija fraġli (Ġakbu 1:3).

Waqt li nkunu għaddejjin minn diffikultajiet fil-ħajja, kultant ikun diffiċli li nafdaw lil Alla. Nistaqsu, "*Fejn hu Alla meta nħossni muġugħ?*", "*Qiegħed preżenti?*", "*Jifhem il-ġlidiet li qed naffaċċja?*". Xi kultant niddubitaw lil Alla u nistaqsu, "*Għaliex tħallini ngħaddi minn dawn il-weġgħat?*", "*Għalfejn dawn id-diffikultajiet jippersistu minkejja t-talb tiegħi biex int tneħħihom?*" Jista' jkun li tħoss rabja, weġgħat jew saħansitra diżappunt lejn Alla. M'intix waħdek! Ilkoll kemm aħna nesperjenzaw dan f'xi punt f'ħajjitna. Għalkemm inkunu nixtiequ li Alla jsolvilna l-problemi tagħna kollha, Hu qatt ma tana garanzija bħal din. Meta nistaqsu, "Fejn hu Alla?", l-Iskrittura tagħtina rakkonti mill-isbaħ li juru kif nistgħu nfittxu lil Alla f' dawn il-mumenti.

Nibdew mill-istorja tal-arka ta' Noè u l-għarqa. Dan ir-rakkont huwa wieħed li fih niltaqgħu m'opportunità ta' ribeljoni jew lealtà. Fi żmien ta' ħażen kbir, Noè spikka għax għażel li jgħix is-sewwa. Tista' timmaġina lil Noè, raġel anzjan, jibni din l-arka enormi jipprepara għal dulluvju, filwaqt li ma kien hemm l-ebda sinjal ta' xita u sħab ikrah fis-sema?

Min jaf kemm iddieħku bih! Imma Noè ma tax kashom. Sempliċiment wieġeb għall-kmand t'Alla b'qalb u idejn determinati li jkunu ubbidjenti. Kompla jibni l-arka u bnieha eżatt kif xtaqha Alla. Madanakollu, Alla ma neħħiex lil Noè mid-dulluvju. Noè u l-familja tiegħu xorta waħda kellhom jesperjenzaw l-għargħar. U xorta waħda kienu mġiegħla jabbandunaw djarhom u jinfirdu min-nies ta' madwarhom. Kellhom jgħixu mal-annimali, li probabbilment ma kinitx sitwazzjoni pjaċevoli! Iżda għat-tjieba u l-fedeltà tiegħu, Alla ppremja lil Noè, u ħeles lilu u lill-familja tiegħu mid-diżastru. Ir-rakkont tad-dulluvju jservi wkoll biex jaċċertana mill-ħelsien li Alla jrid f'ħajjitna. Alla jipprovdi salvazzjoni għal kulħadd permezz ta' Kristu, bħalma għamel ma' Noè u l-familja tiegħu.



Għal ħafna snin, id-deżert serva bħala post ta' prova, laqgħat u twelid mill-ġdid ta' Iżrael, u ħafna mill-mexxejja tiegħu. Wara li nħelsu mill-jasar tal-Eġittu, il-Lhud qattgħu 40 sena fid-deżert. Dan kien meqjus bħala perjodu ta' tiġdid u preparazzjoni għad-dħul fl-Art Imwiegħda. Mosè vvjaġġa lejn il-muntanja tal-Mulej fid-deżert tas-Sinaj u qatta' 40 jum u lejl isum u jitlob.

Wara li rċieva l-ħobż mis-sema, Elija mexa għal 40 jum fid-deżert lejn il-muntanja mingħajr ma kiel. F'din ir-repetizzjoni tan-numru 40, Mosè u Elija juru l-fedeltà tagħhom biex jippreparaw għall-missjoni speċifika li kellu Alla għalihom.

U dan kollu jwassalna għal Ġesù. Qabel ma jibda l-ministeru pubbliku tiegħu, iqatta' 40 jum u 40 lejl fid-deżert mingħajr ikel jew xorb. Huwa biss wara s-sawm tiegħu, f'dgħufija umana estrema illi jiltaqa' mat-tentazzjonijiet ħorox tax-xitan. Imma Ġesù jerħi f'idejn Missieru u jirnexxilu jegħleb it-tentazzjonijiet. Il-laqgħa max-xitan ma seħħitx b'kumbinazzjoni. Din kienet showdown bejn it-tajjeb u l-ħażin. Dak li għamel il-Mulej meta mar fid-deżert kien bi skop.

Prova oħra ta' Ġesù seħħet fil-lejl ta' meta kien arrestat, meta stieden lill-ħbieb tiegħu biex jitolbu miegħu fil-ġnien. Hu talab, "*Missier, jekk inti trid, warrab minni dal-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi.*" Din kienet talba kuraġġuża u sinċiera, speċjalment meta Ġesù kien jaf li l-mewt tiegħu kienet meħtieġa.

Imma meta Ġesù rrealizza li dalwaqt kien se jesperjenza tbatija fiżika kbira, talab biex ineħħilu l-kalċi tal-mewt. Li tgħid, "*tkun magħmula r-rieda tiegħek*" meta l-ħajja hi xi ftit jew wisq ordinarja hija ħaġa waħda, iżda li tfissirha meta tkun qed taffaċċja tant uġigħ, hija ħaġa oħra. Ġesù jintreħa għal dak li kien qed jiġi msejjaħ għalih. Huwa għażel li jaċċetta dak li Alla kien pjana għalih. Poġġa l-fidi tiegħu fir-rieda ta' Missieru, ħabb lil ħaddieħor aktar minnu nnifsu, u rebaħ lil ħażin bit-tajjeb anke jekk dan kollu wassal għall-mewt tiegħu.

Aħna wkoll, bħal dawn il-karattri, naffaċċjaw provi ta' kuljum! Ġesù stess qal li kull ġenerazzjoni tad-dixxipli tiegħu se tgħaddi minn provi fejn ikun hemm bżonn li l-bniedem ipoġġi l-fidi sħiħa tiegħu f'Alla. Dawn it-testijiet spiss ikunu ta' sfida u skomdi. Hekk kif l-għargħar ħareġ lil Noè mill-comfort zones tiegħu, dawn il-provi ukoll iġiegħlu lil ħafna minna noħorġu mill-comfort zones tagħna. Il-prova hija opportunità!

San Ġakbu jgħid li għandna nkunu grati meta ngħaddu minn provi, għax dawn joffrulna opportunità: opportunità li nħallu lil Alla jiggwidana u noqorbu lejn Ġesù. Ġesù ċertament li jista' jifhem d-dgħufija umana tagħna. Li jkollna fidi f'Alla waqt id-diffikultajiet ifisser li jkollna fidi fl-iskop tiegħu għal ħajjitna. Dawn il-personaġġi mill-Bibbja kollha kellhom ħaġa waħda komuni: meta ġew biex jgħaddu mit-tbatijiet tagħhom u l-maltempati tal-ħajja, emmnu f'Alla, segwew dak li kien mitlub minnhom, u wettqu r-rieda t'Alla anke meta ma setgħux jaraw ir-riżultat.

Matul dan iż-żmien tar-Randan, ejjew nersqu lejn Alla kif aħna. Huwa diġà konxju tal-vulnerabbiltà tagħna u dak li għaddejjin minnu f'ħajjitna. Mela ejjew nagħtuh qalbna kollha u nħallu lill-Mulej iwettaq il-ħidma tiegħu fina. Jalla nikbru biex niddependu inqas fuqna nfusna u nsiru aktar konxji tal-ħtieġa t' Alla f'ħajjitna.

Ejjew naħsbu fuq il-vjaġġ ta' Mosè u Elija fid-deżert. Il-muntanja qaddisa t'Alla serviet bħala d-destinazzjoni komuni tagħhom. Waslu u stennew.

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- X'inhi d-destinazzjoni tal-vjaġġ tal-ħajja tiegħek bħalissa?
- F'din id-destinazzjoni, hemm tfittxija għall-preżenza t'Alla?
- X'inhu dak li jsostnik fil-vjaġġ?
- Kemm hi kruċjali għalik l-Ewkaristija bħala ikel spiritwali?
- X'inhu dak li qed tistenna fil-ħajja tiegħek bħalissa?

# DEŻERT



Ġieli kontu sejrin xi mkien, u vjaġġ ta' kwarta ħadilkom siegħa u nofs? Jekk qatt smajtu bil-kelma 'traffiku', naħseb tafu x' qed ngħid. Din kienet l-istorja tal-poplu Lhudi meta ħareġ mill-Eġittu fi triqtu lejn l-Art Imwiegħda, bid-differenza li l-vjaġġ - li seta' sar f'inqas minn xahar - spiċċa ħadilhom 40 sena… f'deżert!

Ejja għal mument, bħall-poplu Lhudi, nibdew dal-vjaġġ mill-Eġittu. L-esperjenza bejn il-Lhud u l-Eġizzjani mhux minn dejjem kienet ħażina, speċjalment wara li ċertu Ġużeppi mill-poplu Lhudi kien għen lill-Fargħun fit-tmexxija fi żmien fejn in-natura ma bdietx tipproduċi frott. Jgħaddu s-snin… Ġużeppi u l-Fargħun imutu, u xi snin wara, jilħaq Fargħun ieħor li "*ma kienx jaf lil Ġużeppi*" (Eż 1:8); ma jiftakarx fl-istorja ta' kemm Alla kien providenti maż-żewġ nazzjonijiet. Ħafna jgħidu li "*ma kienx jafu*" mhux għax nesa, imma għax **ried** jinsa dawn l-esperjenzi. U għax nesa din il-parti tal-istorja tiegħu, beda joppressa l-poplu Lhudi b'ħafna xogħol iebes fil-kostruzzjoni u r-raba'(Eż 1:11-14), ma ħallihomx ikollhom tfal subien (Eż 1:16), u ma ħallihomx jagħtu qima lil Alla (Eż 5:2). Ejja nitfgħu dan il-kuntest f' ħajjitna. Naħseb li  lkoll konna f'relazzjoni ma' xi ħadd jew f'xi biċċa xogħol li, xi darba kienet sejra sew, f'daqqa waħda jiġri xi ħaġa, u jibda jiġi kollox ħażin. Bħall-poplu Lhudi, waħda mill-ewwel affarijiet li tiġrilna tkun li r-relazzjoni tagħna m'Alla tiġi affettwata.

Bla ma rridu aħna wkoll ninsew l-esperjenzi sbieħ li kellna miegħu. Ninsew mhux għax irridu, imma għax kultant jiġu esperjenzi tant tqal li jaljenawna.

Il-poplu Lhudi, f'dan kollu, ma kienx jiflaħ jitkellem. Għal diversi kapitli, minkejja li għandna ħafna diskorsi, il-poplu Lhudi ma jinstema' jitkellem qatt. L-unika ħsejjes li joħorġu minn ħalqhom huma biss dawn l-erbgħa: "…ulied Iżrael bdew **jitniehdu** taħt il-jasar u **jgħajtu**. Il-**biki** tagħhom mill-jasar wasal sa għand Alla. U Alla sama' l-**krib** tagħhom" (Eż 2:23-24): Tnehid, għajjat, biki, u krib. M'għandniex kliem, imma erba' emozzjonijiet tant qawwija. U forsi aħna wkoll, hemm esperjenzi tant qawwija f' ħajjitna li għalihom m'għandniex kliem, imma emozzjonijiet tant qawwijin. U Alla, kif jirrispondi lil dan il-poplu? F'erba' azzjonijiet: "Alla **sama'** l-krib tagħhom u **ftakar** fil-patt tiegħu… **Xeħet ħarstu** fuq Iżrael u **ra** f'liema stat kienu" (Eż 2:24-25): Sama', ftakar, xeħet ħarstu, u ra. Erba' azzjonijiet li llum għadu jagħmel miegħi u miegħek. Minkejja kollox, Hu jisimgħek, jiftakar fik, jixħet ħarstu fuqek, u jarak.

Eventwalment, Alla jsejjaħ lil Mosé biex jitlob lill-Fargħun jeħles lill-poplu minn dan il-jasar tal-Eġittu... fast forward u l-Lhud, eventwalment, jirnexxilhom joħorġu mill-Eġittu, u issa qegħdin fi triqthom lejn arthom fid-deżert.

Hemm vjaġġi li napprezzawhom iktar minn oħrajn. Vjaġġ lejn ix-xogħol jew l-iskola nhar ta' Tnejn filgħodu jkun differenti minn xi vjaġġ qabel xi ħarġa mal-ħbieb nhar ta' Ġimgħa filgħaxija. Mur ġibna li kieku bħall-poplu Lhudi konna ilna kważi erba' mitt sena f'art barranija, u issa fl-aħħar irnexxielna noħorġu! X'ma tapprezzax il-vjaġġ! U x'ma tkantax! Hawnhekk infatti, għandna waħda mill-ewwel għanjiet rikordjati li fiha, wara dan il-ħelsien, il-poplu kontinwament beda jfaħħar lil Alla. Jgħaddu ftit ġranet tul dan il-vjaġġ, u t-tifħir jinbidel f' xi ħaġa li aħna l-Maltin forsi ma tantx nafu x'inhi: 'it-tgergir'.

Qabadhom l-għatx, u bdew igergru... Qabadhom il-ġuħ, komplew igergru... Bdew jieklu dejjem l-istess, u reġgħu gergru... Saħansitra waslu biex jgħidu li kien ikun aħjar għalihom li kieku baqgħu skjavi l-Eġittu milli fid-deżert.





U għal kull tgergira, Alla jipprovdi xi ħaġa differenti: l-ilma, il-manna u s-summien. Minkejja kollox, Alla jibqa' jieħu ħsiebhom: mhux għax l-imġiba tagħhom kienet tajba, imma għaliex Hu għaraf il-patt (commitment) tiegħu magħhom. U llum dan hu messaġġ għalina lkoll: Alla, lili u lilek, iħobbna, mhux minħabba l-imġiba tagħna, imma għax Hu fin-natura tiegħu, **Hu mħabba**. U ta' Missier tajjeb li Hu, mal-iżbalji tat-tfal tiegħu, ma jwaqqafx imħabbtu.

X' inhu d-deżert? Id-deżert huwa dawk l-areas li fihom m'hemmx ħajja. U f' ħajjitna jista' jkollna ħafna *areas* li fihom forsi ma narawx ħajja (xi biżgħa, xi marda, xi problema f'xi relazzjoni, xi vizzju). U fejn m'għandniex ħajja, allura, xi rridu nagħmlu? Infittxu l-ħajja! Il-poplu Lhudi fiżikament kien ħareġ mill-Eġittu, imma qalbhom baqgħet hemm. Qalbhom ma riditx timxi. Jien qed nagħtiha direzzjoni lil qalbi? Qiegħed inħalliha tfittex il-ħajja, jew qed inħalliha mjassra l-Eġittu?

Din hija l-istedina għalina f'dan ir-Randan: **indawru t-tgergira tagħna f' talba**. Il-Lhud talbu ħafna affarijiet lil Alla, però qatt ma waqfu jiggustaw il-preżenza tiegħu. X' jiġifieri?

Ejja nimmaġinaw l-iktar persuna għal qalbna. Nimmaġinawha li dejjem tiġi tfittixna biex isellifna jew ittina xi ħaġa. Illum riedet minna rigal, għada trid minna xi biċċa xogħol, pitgħada wkoll … u f' ħafna snin dejjem titlob xi ħaġa differenti minna, din il-persuna qatt ma tpoġġi ħdejna jew tieqaf tismagħna. Immaġinaw ftit. Immaġinaw kif iħossu Alla, li dejjem irridu mingħandu xi ħaġa imma qatt ma nieqfu nqattgħu ftit ħin miegħu. Indawru t-tgergira tagħna f'talba. Mhux talba biex naqilgħu xi ħaġa, imma sempliċiment konverżazzjoni bejn żewġt iħbieb. Naqsmu ħajjitna miegħu, u nħalluh jaqsam ħajtu magħna fil-Vanġeli.



Dan li ġej hu salm li f'ħajjitna smajna ħafna drabi: *"Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni; f'mergħat kollha ħdura jqegħedni. Ħdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni; hemm hu jrejjaqni. Imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba l-isem tiegħu."*

S'issa x'għandna? Għandna lil David jitkellem **dwar** Alla… minn issa 'l quddiem ħa jinbidel xi ħaġa: "Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax **inti miegħi**." Fil-bidu David beda jitkellem **fuq** Alla: "hu r-ragħaj tiegħi… hu jeħodni… hu jrejjaqni…". Kif ġie l-wied mudlam, imma, beda jitkellem **m'** Alla, mhux biss fuqu. Wied mudlam seta' faċilment ġab tgergira. Minflok, David dawwar it-tgergira f' talba.

Jalla, bħal David, jirnexxilna - fid-deżert jew fil-wied mudlam tagħna - **indawru l-ħarsa tagħna lejn Alla**. Ma nibqgħux nitkellmu fuqu bħal qisu xi ħadd barrani, imma nitkellmu miegħu.

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Hemm xi esperjenza fil-ħajja bħalissa li qed tħallik bla kliem?
- Li kieku jkollok tiddeskrivi ħajtek fil-preżent f'emozzjoni waħda, xi tkun?
- X'inhuma dawk l-areas li tikkunsidra li huma deżert fil-ħajja tiegħek?
- Hemm xi esperjenzi fil-passat li ħlist minnhom (*bħalma l-Lhud ħelsu mill-Eġittu*), u li għalihom għandek kliem ta' tifħir lil Alla?
- Liem hi dik it-tgergira li, b'opportunità mġedda, tista' ddawwar f'talba?

# IŻAIJA 40

Ġieli sibt ruħek titlob ħafna għal xi ħaġa li baqgħet ma waslitx?   F'Iżaija 40, il-profeta jindirizza lill-poplu Lhudi li kien ġie mkeċċi minn art twelidu u li kien ilu eżiljat għexieren ta' snin. Tant kienu ilhom jitolbu lil Alla biex jgħinhom imorru lura d-dar, li bdew jaħsbu li Alla, jew ma setax, jew ma riedx jgħinhom! X'għamel Isaija? Prova jerġa' jsaħħah il-fidi u t-tama ta' dan il-poplu.

F'dan ir-Randan, ħafna snin wara, x'nistgħu nitgħallmu minn kliem Iżaija?

Ir-Randan jista' jitqies bħala perjodu li jirrappreżenta dawk il-mumenti kollha f'ħajjitna li fihom inħossuna 'l bogħod minn Alla. Dan għaliex, matul ir-Randan, aħna nidħlu fi stennija għal Alla. F'ħajjitna, in-nuqqas ta' preżenza t'Alla tista' tieħu diversi forom:

- Forsi għadna ma skoprejniex lil Alla, u għalhekk Alla ma jinħassx,
- Forsi skoprejna lil Alla imma f'daqqa waħda mhux inħossu l-preżenza tiegħu,
- Jew forsi qed nagħżlu li ngħixu mġibiet mhux mixtieqa minn Alla.

F'din is-silta, meta l-poplu beda jħoss din id-distanza minn Alla, Iżaija jħeġġeġ lill-poplu biex flok jaqta' qalbu, jerġa' **jirriskja li jafda** fl-imħabba u l-fedeltà t'Alla. Xi drabi, bla dubju, dan mhux daqshekk faċli għalina. Imma Iżaija jfakkarna li **Alla ma jegħja qatt iħobbna**. Jaf il-problemi kollha tagħna u xejn mhu tqil għalih.



B'mod poetiku, fit-tieni parti tas-silta, Iżaija jibda jitkellem dwar widien li qed jintradmu u muntanji li jsiru ċatti. Dawn eżatt xi jfissru?

B'dan kollu, il-profeta jqawwilna qalbna li l-muntanji li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna jistgħu ma jibqgħux aktar muntanji iżda jsiru toroq li nimxu minnhom mingħajr wisq tbatija.   Il-muntanja tirrappreżenta dak kollu li hemm bejni u bejn Ġesù. F'ħajti, x' hemm bżonn li ma jibqax muntanja sabiex inkun nista' nesperjenza l-imħabba t'Alla iktar? U kollox jiddependi minna?

L-aħbar it-tajba hi li – le, ma' Ġesù l-affarijiet qatt ma jiddependu minna biss. L-ewwel pass hu dejjem tiegħu! Alla diġà qed jistedinna għal ħbiberija aktar profonda miegħu – sempliċement irridu nippruvaw nirreċiprokaw bil-modi li nistgħu:

- Jekk għadna ma skoprejniex lil Alla b'mod personali, nistgħu nippruvaw infittxuh b'mod aktar ġenwin u b'qalb aktar miftuħa. (Forsi nesploraw ix-xjenza jew il-filosofija, naraw xi film fuq il-ħajja ta' xi ħadd li sab lil Alla – hemm modi varji, inħallu l-mistoqsijiet jiggwidawna!)

- Jekk forsi nafu lil Alla imma ma tantx qed inħossuh bħalissa, nistgħu nippruvaw infakkru lilna nfusna fil-fedeltà u fl-imħabba tiegħu – waqt li nitolbuh jgħinna nfittxuh anki fi żminijiet diffiċli.
- Jekk qed ngħixu mġibiet ta' kompromess, nistgħu nippruvaw nitolbuh jgħinna nikbru fl-imħabba u fid-dixxiplina!

Kultant, biex "*nippreparaw it-triq*" kulma rridu nagħmlu hu li nagħtu "*permess*" lil Alla biex jaħdem fina. Alla mhux se jimponi lilu nnifsu, iġifieri rridu nuruh li rridu ninbidlu! Dan bħal tabib, irridu mmorru aħna għandu. U l-iċken sforz min-naħa tagħna jista' jipproduċi ħafna frott!

Tajjeb ukoll li wieħed jinnota li l-bidliet kollha li jitkellem dwarhom Iżaija huma bidliet fil-ħajja spiritwali: widien, għoljiet u art mħarbta. Dawn huma kollha affarijiet fil-ħajja tagħna li jeħtieġu jiġu rranġati: id-distrazzjoni tagħna - it-tendenza tagħna li nfejqu l-ansjetà tagħna b'affarijiet superfiċjali: bil-ħela ta' ħin, il-vizzji, u l-lista tkompli.

Fl-aħħar mill-aħħar, dan kollu huwa vjaġġ; vjaġġ li ma jistax iseħħ mingħajr **tama**!

Fit-tielet parti tas-silta, il-Profeta jerġa' japplika l-ħiliet poetiċi tiegħu! Ixebbah 'il-bniedem ma' sbuħija ta' fjura, li għalkemm sabiħa, għandha bidu u għandha tmiem. Il-faraġ li toffri din id-dinja, mhuwiex għal dejjem. Hawnhekk, Iżaija jfakkarna li m'hemmx faraġ dejjiemi fl-affarijiet tad-dinja.

Dawn il-paraguni juru sens ta' bidla fil-ħajja tal-bniedem. Bħala bnedmin, aħna niżbaljaw u għandna l-limitazzjonijiet tagħna. Iżda Alla mhux hekk! L-imħabba ta' Alla ma tonqosx – m' għandhiex inżul, telf ta' paċenzja, u ma tbatix mid-dubju. Hawnhekk tinsab it-tama vera: f'Alla nnifsu. Din it-tip ta' tama mhijiex ottimiżmu żejjed – għax l-ottimiżmu jista' jqarraq bina – din tama li għandha pedamenti sodi – fi mħabba li ma tiqafx tħobb.

Meta nistennew lill-Mulej jerġa' jieħu l-ħajja fina fl-Għid, inkunu qed nistennewh b'tama. Hawnhekk it-tama tagħna hi waħda kunfidenti. Għalhekk il-Profeta jikteb li dawk li jittamaw fil-Mulej jogħlew bħall-ajkli… u jimxu mingħajr ma jegħjew. Aħna nħossuna hekk? F'ħajjitna, fejn qegħdin inpoġġu t-tama tagħna? F'min u f'xiex qed nafdaw?

Naturalment, f'ħajjitna nafdaw u nistennew ħafna affarijiet! Nistennew job-interviews, xi album tal-mużika ġdid, ir-riżultati tal-eżamijiet... il-ħajja tagħna hija parzjalment ħajja ta' stennija. Imma m'għandhiex tkun ħajja ta' **stennija passiva** – jew ta' stennija għal affarijiet li se jissodisfawna għal żmien qasir biss! Bħala bnedmin, qalbna mhijiex kuntenta bi pjaċiri temporanji biss! Il-kittieb Pollakk Joseph Konrad, f'wieħed mill-kotba tiegħu, jikkuntrasta lill-bniedem ma' farfett. Filwaqt li farfett xi darba jew oħra jsib il-ġebla jew is-siġra tiegħu fejn jistrieħ, il-bniedem dejjem għaddej, dejjem ifittex iktar, dejjem irid iktar. Qatt ma nieqfu u ngħidu li m'hemm xejn iktar li rridu.



Kif nistgħu nifhmuh iktar dan in-nuqqas ta' paċi kollu li jġegħilna dejjem infittxu qisna weraq f'buffura riħ, qisna ġurdien dejjem jiġri fuq rota? Dan is-sentiment hu sinjal, u għalhekk m'għandniex għalfejn neħilsu minnu, imma rridu nifhmuh! Hu sinjal li jurina li għandna nibqgħu nittamaw għal ħajja aħjar, iktar **sħiħa**.

F'waħda mir-riflessjonijiet tagħha, Santa Tereża t'Avila qabblet lil ruħna ma' '*kastell*' li għandu ħafna kmamar u ħafna sulari. Aktar ma nivvjaġġaw fil-fond fina nfusna, iktar nersqu lejn Alla. L-aħħar kamra hija l-kamra t'Alla fina. Fiha, il-'jien veru' tagħna tiltaqa' m' Alla! Issa, sabiex nivvjaġġaw aktar fil-fond, sabiex naslu għal din l-aħħar kamra, it-triqat tagħna jeħtieġ li ma jkollhomx ostakli. Dan hu li jinsab fil-qalba tar-Randan! Li nneħħu dak kollu li jtellifna sabiex niskopru aktar min aħna u biex niskopru lil Ġesù fina!

Din hija ġrajja li tieħu ż-żmien; ġrajja ta' relazzjoni personali; ġrajja li tiżboq it-tama; u tama li tkabbar l-imħabba! Mal-poeta Ġużè Chetcuti ejjew intennu:

*"Irrid, Mulej, ngħix fil-qasam miegħek,*
*Irrid l-imħabba, irrid id-dawl tat-tama,*
*It-tama li twassalni fit-triq tiegħek."*

*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Ħu ftit mumenti biex tirrifletti fuq ix-xewqat tiegħek. Ġieli tesperjenza xi forma t'ansjetà meta taħseb dwar dan?
- Fir-riflessjoni li smajna, nosservaw kif in-nuqqas ta' paċi hu sinjal. Kif tipprova tagħmel paċi ma' dan is-sentiment? Tħallih ikun ta' gwida?
- Santu Wistin darba qal, "Int għamiltna għalik, o Alla, u qalbna ma ssib qatt kwiet, jekk mhux fik." Ħu mument biex tirrifletti fuq dan.

# SALM 40

Is-salmi huma affaxxinanti għaliex fihom nistgħu naraw il-qalb, il-ħsieb u l-komunità tal-persuna li qed tiktibhom. Huma tieqa għalina biex minnha naraw il-poplu x'kien qiegħed jaħseb u jħoss. F'dan l-għarfien, Salm 40 huwa salm realistiku għaliex l-awtur qiegħed f'roller-coaster ta' realtajiet u emozzjonijiet differenti.

*"Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej; hu niżel*
*ħdejja u sama' l-għajta tiegħi.*
*Minn bir waħxi tellagħni,*
*minn qalb il-ħama u t-tajn;*
*fuq il-blat qegħedli riġlejja,*
*u saħħaħli l-mixi tiegħi.*
*Qegħedli fuq fommi għanja ġdida,*
*għanja ta' tifħir lil Alla tagħna."*

Is-salmista, kif nistgħu naraw, jibda b'tifħir u gratitudni lejn Alla għaliex meta kien fil-ħama u fit-tajn - postijiet li fihom ħassu mweħħel, ma jistax jiċċaqlaq, u fejn ħadd ma jista' jgħinu - Alla niżel u sama' l-għajta tiegħu. L-awtur jagħti xhieda lil dawk kollha li qed jisimgħuh. Fi kliem ieħor jgħidilhom, "jien naf li Alla huwa ta' vera, għaliex lili ħelisni." Iċ-ċirkustanza ta' ħama u tajn f' ħajjitna tista' tirreferi għal xi realtà psikoloġika, mumenti ta' dwejjaq, jew forsi xi dnub partikulari. Il-Mulej jista' joħroġna minn dan kollu. Alla mhux biss ħeles lill-awtur u għadu jeħles lilna, talli issa saqajna huma fis-sod, fejn m'hemmx iktar karba, imma biss ringrazzjament: "fuq il-blat qegħedli riġlejja, u saħħaħli l-mixi tiegħi."

Tul dan ir-Randan, x'inhi dik ix-xi ħaġa li għaliha għandna kliem ta' ringrazzjament lil Alla? X'inhi dik is-sitwazzjoni fil-ħajja tagħna li Alla qalagħna minnha u ħariġna mit-tajn tagħha?

Jekk forsi bħalissa mħawdin għaliex forsi ma nistgħux nidentifikaw mument ta' gratitudni, allura nistgħu nippreżentaw mill-ġdid dan it-tajn u l-ħama li għadna nħossuna mweħħlin fih.

David ma jiqafx bir-ringrazzjament, iżda joffri d-dispożizzjoni tiegħu biex jagħmel ir-rieda t'Alla:

*"Hawn jien, ġej… nagħmel ir-rieda tiegħek.*
*Alla tiegħi, dan jogħġobni; il-liġi tiegħek*
*ġewwa qalbi."*

X'inhi din il-liġi? Hija l-verità li Alla jħobbna. U f' din ir-realtà nsibu l-iskop tas-salm. Sa dan il-punt, David iħossu tant grat lejn Alla għall-fatt li Hu tant iħobbu. Li jaf li Alla semgħu ma jfissirx li dejjem se jagħtih dak li David irid, imma jfisser li Alla hu dejjem miegħu.

F'Salm ieħor (56), is-Salmista jgħid, "dan jien naf, li Alla huwa miegħi." Fi kliem ieħor, nifhmu li ngħaddu minn xiex ngħaddu, li x'inhi l-emozzjoni tagħna, ikunu x jkunu l-fallimenti u s-suċċessi tagħna, aħna ħaġa waħda nafu: li Alla huwa magħna. B'dan is-sentiment, David f'Salm 40 jaqleb xi ftit it-tonalità minn sens ta' ringrazzjament u tifħir għal karba. Din il-karba qisha ġejja minn post ta' dnub jew dgħufija tiegħu li ħolqot tensjoni fih innifsu. Ħafna drabi aħna wkoll inħossu realtajiet simili li tant jillimitawna: id-dnubiet u d-dgħufijiet ta' ħajjitna li, minkejja li nagħmel li niflaħ biex ma naqax fl-istess kliem, aġir u attitudni, xorta waħda l-istorja tibqa' tirrepeti ruħha. David jistqarr li din ir-realtà tifnih, u għalhekk, idawwar il-karba f'talba biex il-Mulej jibqa' miegħu u jerġa' jaqilgħu mill-ħama.

U allura dan is-salm jorjentana f'żewġ realtajiet: il-mumenti ta' gratitudni f' ħajjitna, u mumenti ta' toqol li fihom għandna bżonn lill-Mulej li jaqlagħna minnhom u jiddefendina. Jekk ma kellu xejn David, żgur li ma kellux problema li jagħraf id-dnub tiegħu. Forsi ġieli smajna b'min jgħid li m'għandux dnub, u forsi aħna wkoll ġieli nħossuna hekk. F'dawn il-mumenti nagħrfu li m'aħniex wisq esposti għad-dawl. Jekk nidħol f'kamra mdallma u nħares lejn dak li jien liebes, ma nara xejn ħażin fija nnifsi għax ma nkun qed nara xejn. Jekk nixgħel sulfarina, b' dak il-ftit dawl nibda nara xi tbajja li jkolli 'l hemm u 'l hawn. Nixgħel żewġ xemgħat oħra, u ninduna b'iktar tbajja li għandi. Fl-aħħar nixgħel id-dawl kollu u ninduna b'kull marka u tbajja li għandi fil-ħwejjeġ tiegħi. Id-dawl jikxef is-sbuħija imma wkoll il-ħmieġ.



F' dan iż-żmien tar-Randan, aħna msejħin biex nersqu lejn Ġesù, id-dawl veru, li permezz tiegħu nistgħu nagħrfu d-dnub li jtebbagħna. Imma Ġesù ma jiqafx hemm. Alla mad-dgħufija tagħna, jurina wkoll l-imħabba tiegħu. Għalhekk id-dnub mhuwiex sempliċiment fażi li minħabba fih insawtu lilna nfusna jew noqogħdu nħossuna ħażin. Huwa eżatt bil-kontra. Hemm għarfien ġdid li aħna, minkejja dawn it-tbajja u d-dgħufijiet tagħna, hemm xi ħadd li jibqa' jħobbna dejjem. "Dan jien naf, li Alla huwa miegħi." U jekk Alla hu magħna, Alla lilna jħobbna! Allura nistgħu nidħlu f'dan l-ambjent sikur li fih nistgħu nagħrfu l-limitazzjonijiet u l-attitudnijiet mhux mixtieqa tiegħi.

Meta nammettu xi ħaġa fina nfusna ma jagħmilniex inqas maħbubin; għall-kuntrarju jagħtina l-opportunità li nagħrfu li aħna maħbubin minn Alla iktar minn qatt qabel.



Salm 40 jagħlaq b’ dan il-vers:

*“Inti l-għajnuna u l-ħelsien tiegħi;*
*iddumx ma tgħinni, Alla tiegħi!”*

Għajta biex fost il-limitazzjonijiet tiegħu, Alla jibqa’ miegħu u jibqa’ jħobbu. U allura jekk aħna għandna nidħlu fi proċess f’dan ir-Randan, ejjew nidħlu iktar fil-fond ta’ din il-verità: li aħna maħbubin ta’ vera u maħbubin dejjem. U għalhekk, għandna bżonnu.

*(Ħudu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Li kieku jkollok tidentifika 3 affarijiet li għalihom tinsab grat, liema jkunu?
- Li kieku jkollok tidentifika 3 affarijiet li minħabba fihom tħoss li għadek fil-ħama, liema jkunu?
- Għandi dawl biżżejjed f'ħajti biex nagħraf id-dnub tiegħi? U kif nista' nżid iktar dan id-dawl f'ħajti?
- "*Meta nammettu xi ħaġa fina nfusna ma jagħmilniex inqas maħbubin; għall-kuntrarju jagħtina l-opportunità li nagħrfu li aħna maħbubin minn Alla iktar minn qatt qabel.*" X'inhi r-reazzjoni tiegħek għal dan il-fatt?



# 40 U IKTAR

Ġieli organizzajtu xi event jew party, li ddum ġimgħat sħaħ torganizzah, u mbagħad jgħaddi f'kemm ili ngħidlek? U l-għada jkun "business as usual"? Jew ġieli kont f' xi dieta tistenna bil-ħerqa "cheat-day" u l-għada ssib ruħek tant tqil biex terġa' tibda? Għal ħafna minna dan hu l-mod kif niċċelebraw l-Għid. 40 ġurnata sagrifiċċju u stennija tar-Randan, u mbagħad jiġi l-Għid. L-għada, imma, m'għandux ikun "business as usual"!

In-Nisrani jidħol f'avvent t'**40** ġurnata biex jiċċelebra **50** ġurnata tal-Għid. Il-ferħ tagħna għandu jfejjaq l-istennija tar-Randan. L-Għid mhuwiex biss il-Ħadd tal-Għid… għall-kuntrarju, kull ġurnata sa Pentekoste għandha tkun Ħadd il-Għid: il-ferħ imwelled mit-tama li l-mewt m'għandhiex l-aħħar kelma; li l-mewġ tal-ħajja mhuwiex ikbar minn Alla; u li minkejja l-moħba tiegħu, Alla hu mill-ġdid magħna.

Uħud minna niċċelebraw il-Milied jew ir-Randan b'għożża kbira; iżda li kieku mhux għax jiġi l-Għid, kieku la niċċelebraw il-Milied u lanqas ir-Randan. San Pawl, fi kliem ieħor, jgħid li "*kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-fidi tagħna*" (1Kor15:14).

Hi l-festa tal-festi li biha nistgħu ngħannqu s-slaleb tagħna: mhux biex insawtu lilna nfusna, imma għax nagħrfu li s-salib tagħna hu dejjem **temporanju**. Għax qabel is-salib tagħna ġie salib ieħor li ma ntrebaħx. Imma rebħet il-ħajja.

U l-istess illum, dawn il-ħamsin ġurnata għandhom ikunu għalina skoperta tal-identità tagħna: li jien u int, **bnedmin tal-Għid -** bnedmin li, nkunu fejn inkunu u ma' min inkunu, għandna niżirgħu u nfittxu t-tama u l-ħajja.

L-Għid hu l-festa tiegħi u tiegħek, int min int, u int fejn int. Jekk illum dal-kliem jgħaddi bħal elf kelm'oħra li nisimgħu, u fih ma nsibux tama għax xorta nibqgħu nibżgħu, waħedna, fid-dnub, u b'kull xorta ta' sofferenza… l-Għid hu xorta l-festa tiegħek! L-Għid hu l-esperjenza ta' sorpriża ta' tnax-il ruħ imsakkra f'kamra mbeżżgħa minkejja li missew ma' Kristu għal snin sħaħ. Hi l-esperjenza ta' Għemmaws: dak Alla li jimxi ma' tnejn min-nies li, minkejja l-ammirazzjoni tagħhom, tilfu l-fidi f'Alla u fil-Knisja. Hi l-esperjenza ta' dak ix-xi ħadd li ma riedx jemmen jekk ma jmissx b'idejh. Hi dik l-esperjenza ta' miljuni ta' nies li emmnu fi Kristu minkejja l-iżbalji perpetwi tagħna, tal-Knisja… li jgħaddi kemm jgħaddi żmien, bħal qisna ma nitgħallmu qatt.

Ir-Randan jibda bl-irmied, u l-Għid jispiċċa bin-nar. Reverse Effect. Mill-irmied għan-nar. Mill-mewt għall-Ħajja. Tiġdid. Din hi l-festa tiegħek. Il-festa li s-sofferenza, il-vizzji, l-uġigħ, id-dnub, m'għandhomx l-aħħar kelma, imma huma biss bidu ta' xi ħaġa ħafna ikbar.

L-Għid jispiċċa bin-nar, l-inżul tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fuq il-komunità mbeżżgħa. Ħalli dawn il-50 jum ikunu avvent għall-Ispirtu li jagħti l-ħajja: li joħorġok mill-kmamar magħluqa, mill-ħarba mill-Knisja, mill-kliem ta' tama li ma nirrezonawx miegħu. Tibqax fir-Randan, imma nfetaħ għall-Ispirtu li jagħti l-ħajja.

**Għax Kristu qam mill-imwiet,**
**sħiħa hi l-fidi tagħna.**



*(Qattgħu ftit minuti fis-silenzju biex tirriflettu fuq il-mistoqsijiet li ġejjin, u wara ddiskutu fil-grupp xi mistoqsijiet li jkunu relevanti għalikom.)*

- Kif tiċċelebrah l-Għid? Tħoss li l-Għid huwa l-ikbar festa tiegħek?
- Wara dak li smajt, hemm xi ħaġa li tista' tbiddel fil-mod kif tiċċelebra l-Għid b'mod personali?
- Ġieli, bħad-dixxipli, ħassejtek magħluq f'kamra mbeżża', jew bħad-dixxipli t'Għemmaws, ġieli ħassejtek li trid tkun 'il bogħod mill-komunità/Knisja?
- Kemm hu importanti għalik l-Ispirtu s-Santu fit-talb?

Ejjew nagħlqu din is-sessjoni b'talba ċkejkna u sempliċi: **Ejja fina Spirtu s-Santu!**